MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2009

Numru. 954/2006

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
Agostino sive Austin Xuereb, iben Joseph, imwieled
Għargħur fis-26 ta’ Jannar, 1950

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli f’dawn il-Gżejjer, f’xi jum matul il-perjodu bejn is-7 ta’ Settembru, 2006 u il-ġimgħat ta’ qabel din id-data, inġurja jew hedded imħallef u cioe’ l-Onorevoli Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo LL.D., jew l-Avukat Ġnerali, jew Maġistrat, ġew ġurat waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, u liema inġurja kienet bl-iskop li tellef jew

inaqqas il-ġieh ta’ dak li kontra tiegħu ġiet magħmula u cioe’ l-Onorevoli Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo LL.D., u liema theddida, li sar bil-miktub, sew annonimu kemm taħt l-isem ta’ wieħed inniffsu Jew taħt isem falz kien ta’ delitt;
2. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanżi, bil-mezz ta’ karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu, jew b’isem maħluq, hedded lill-Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo LL.D. b’xi delitt, maliema theddid, ukoll fil-każ ta’ theddid bil-fomm kien hemm ordni jew kondizzjoni;
3. talli f’dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanżi, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta’ xi ħadd u cioe’ ta’ l-Onorevoli Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo LL.D. weġġgħu bi kliem, b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor;
4. talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenza mogħtija mill-Qrati ta’Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta’ Mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fl-artikioli 49, 50, 93, 249, 252 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2007 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-5 ta' Settembru, 2006 l-imputat kiteb ittra lill-Imħallef Giannino Caruana Demajo. Hu mar biha l-Qorti u ried ikellem lill-imħallef. Dak in-nhar inzerta li l-Imħallef Caruana Demajo ma kienx il-Qorti u għalhekk ħalla din l-ittra mas-segretarja tiegħu. Jumejn wara daħal l-imħallef il-Qorti u wara li qara din l-ittra ħassu ftit preokkupat, kif xehed, u għalhekk informa l-Kummissarju tal-Pulizija bl-ittra li kien irċieva.

Illi l-imputat ġie misjub u arrestat mal-ewwel għaliex l-ittra kien fiha ismu u l-indirizz tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu ammetta li kiteb din l-ittra xejn kumplementuza lill-imħallef iżda skuża ruħu immedjatament mal-pulizija ta' dak li għamel u qal li għamel hekk sforz it-tensjoni u l-ossessjoni li kellu, konsegwenza ta' żewġ kawżi li hu kellu quddiem l-Imħallef Caruana Demajo.

Illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija u spjega x'wassal li kiteb din l-ittra u spjega wkoll li ma kienx jaf x'qed jagħmel. L-imputat spjega ukoll li ħass li l-avukat tiegħu kien naqasu wkoll.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien qed ibagħti minn kondizzjoni mentali prekarja, kif jirrizulta mix-xhieda taż-żewġ tobba li xehdu fil-mori ta' din il-kawża.

Illi l-imputat qatt ma ħeba l-identita' tiegħu fl-ittra u kien għalhekk faċli li l-pulizija ssibu u tarrestah.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli
49, 50, 93, 249 u 252 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi dak kollu fuq espost jispjega tajjeb għaliex l-imputat aġixxa f'dan il-mod. Mhemmx dubju li dak li għamel l-imputat mhux talli mhux sew u korrett iżda timmina l-valuri ta' soċjeta' ċivili li tħaddan stat ta' dritt. Madankollu, għandu jiġi rilevat dak li ntqal hawn fuq. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tkunx qed tagħmel ġustizzja mal-imputat jekk timponi piena karċerarja, tenut kont ukoll ta' l-

istat ta’ saħħtu.  Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lill-Imħallef Giannino Caruana Demajo għal żmien sena taħt penali ta’ €230.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma ntqabbdu ebda periti jew esperti f’din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------